TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 2/2024**

Data: It-Tnejn, 29 ta' Lulju 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Kunsilliera | Online |
| Is-Sa. Annabelle Marmara | Kunsilliera | Skużata |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |
| | | |
| Dr. Ian Micallef | Kummissarju għall-ġustizzja | |

**2.1 Ittri ta' apoloġija**

2.1.2 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsilliera s-Sa. Anabelle Marmara tniżżlet bħala skużata peress li kienet infurmat lill-Kunsill li ma setgħetx tattendi għal-laqgħa. Filwaqt li s-Sa. Darlene Vella talbet li issegwi l-laqgħa online.

**2.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 1**

2.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.1 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Nicole Farrugia, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

TARXIEN
Local Council

**2.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 1**

2.3.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Neil Portelli u s-Sur Dasier Damato ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-12 ta' Ġunju 2024 u d-29 ta' Lulju 2024 li kienet tammonta għal €81,955.28.

**2.4 Preżentazzjoni u approvazzjoni Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-sena 2024**

2.4.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat ir-Rapport Finanzjarju għat-tieni Kwart tas-Sena 2024. Spjegat ukoll x' kien id-dħul tal-Kunsill kif ukoll in-nefqiet li għamel il-Kunsill fl-ewwel sitt xhur tas-sena. Spjegat ukoll li l-Kunsill għalaq it-Tieni Kwart b'surplus ta' €38,843.

2.4.2 Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Glenn Gerald Urry, il-Kunsill approva r-Rapport hekk kif preżentat.

**2.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

| | |
|---|---|
| **2.5.1 Ħatra tal-Board tal-Għażla għall-post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv** | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv semma li l-Kunsill kellu lista ta' applikanti li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali bagħat lill-Kunsill ta' kandidati intressati għall-post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali Tarxien.<br>Is-Segretarju spjegat il-proċess u talbet lill-Kunsill sabiex jaħtar Board tal-Għażla.<br>Is-Sindku propona li l-Board ikun magħmul minn persuni esterni kif ukoll rappreżentanti tal-Kunsill. Is-Sindku propona lis-Sur Mario Fava, President Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kif ukoll lis-Sur John Mallia filwaqt li staqsa lill-Kunsilliera min hu interessat li jkun parti mill-Board.<br>Is-Sur Dasier Damato, is-Sa. Nicole Farrugia u s-Sa. Darlene Vella wrew ix-xewqa li jkunu preżenti għall-intervisti u li jkunu parti mill-Board tal-Għażla. Filwaqt li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tkun is-Segretarju tal-Board.<br>Għaldaqstant fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Board kien approvat. |

TARXIEN
Local Council

**2.5.2 Post Vakant Assistent Prinċipal fi skala 11**

Is-Sindku preżenta r-rapport tal-Board fejn ma kienu sabu lill-ebda kandidat addattat sabiex jokkupa l-kariga fi skala 11. Semma li l-għan għal dan il-post vakant huwa li l-Kunsill jibda jagħmel l-book keeping internament. Għaldaqstant, ikun hemm aktar kontroll fuq l-accounts tal-Kunsill kif ukoll tonqos l-ispiża tas-servizz tal-accountant.

Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli, kien hemm qbil li l-post vakant jerġa' jinħareġ sabiex il-Kunsill jirċievi l-applikazzjonijiet ta' kandidati interessati.

Kien hemm ukoll qbil li f'każ li jidħlu l-applikazzjonijiet, il-Kunsill iżomm l-istess board li kien approvat għall-post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv.

**2.5.3 Charging Pillars**

Is-Sindku preżenta komunikazzjoni li l-Kunsill kien irċieva mill-Agency for Electricty and Water sabiex jiġu approvati s-siti għall-numru ta' charging pillars. Semma li l-Kunsill preċidenti kien diġa approva xi siti li jidher li xi wħud minnhom ġew oġġezzjonati minn entitajiet oħrajn bħal Enemalta. Wara diskussjoni fuq is-siti proposti, il-Kunsill iddeċieda li mhux ser jagħti no-objection għas-siti l-ġodda li qed jiġu proposti għaldaqstant, is-Sur Neil Portelli semma li ser tkun qed tissejjaħ laqgħa ma' rappreżentant tal-Aġenzija sabiex tinstab triq 'l quddiem u filwaqt li jintleħqu l-miri sabiex ir-resident jingħata servizz, il-Kunsill ser ikun qed isib siti alternattivi. Għaldaqstant, qablu li d-diskussjoni tkompli fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**2.5.4 Approvazzjoni ta' bye-law għall-kiri ta' faċilitajiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżenta abbozz draft ta' bye-law li kienet preparata mill-avukat sabiex il-Kunsill ikun jista' jikri faċilitajiet fosthom il-grawnd 5 a-side.

TARXIEN
Local Council

Wara diskussjoni interna, kien konkluż li ssir laqgħa mal-avukat sabiex ikunu kjarifikati xi wħud mill-klawżoli sabiex ikunu jistgħu jikkonkludu.

**2.5.5 Proposta sabiex jibda jopera l-grawnd 5 a side**

Is-Sur Glenn Gerald Urry preżenta proposta li tinstab annessa mal-minuti u mmarkata bħala Dok A. Is-Sur Urry spjega li l-proposta kien fassala s-Sur Neil Portelli fil-leġislatura preċidenti u li kien għaddihulu u qed ikompli jaħdem fuqha huwa.

**2.5.6 Servizz ta' knis ta' toroq (tender)**

Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien qed jaħdem bi kwotazzjonijiet sabiex isir il-knis peress li l-Kunsill preċidenti kien iddeċieda li jħalli l-Kunsill il-ġdid jekk għandhomx imorru għas-servizz mal-Cleansing Department jew inkella joħorġux tender.
Dawk preżenti qablu li s-Sindku għand jistaqsi lill-Cleansing kemm ser ikunu jiswew tliet kenniesa ħalli fil-laqgħa li jmiss ikunu jistgħu jiddeċiedu.

**2.5.7 Servizz ta' accountant u book-keeping**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li t-tender tal-accountant kien skada f' Ġunju 2024 biss pero tkellmet mal-accountant li għalissa jkomplu bis-servizz dan peress li riedu jagħlqu l-accounts u idealment jingħalqu mill-istess accountant. Apparti minn hekk l-iskop kien li l-Kunsill jilħaq isib lil xi ħadd fi skala 11 li seta' jibda jieħu ħsieb il-book keeping.
Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Dasier Damato kien hemm qbil li għalissa jkomplu bis-servizz tal-istess accountant.

**2.5.8 Toddlers area Ġnien Joanne**

Is-Sindku spjega li fil-leġislatura li għaddiet il-Kunsill kien approva li ssir bandla ta' toddlers ġewwa Ġnien Joanne. Is-Sindku semma li kienu inġabru l-kwotazzjonijiet u

propona li ssir bandla fil-parti ta' fuq tal-ġnien peress li fin-naħa t' isfel minħabba safety area ma qaditx u kif ukoll isiru xi logħob ta' tfal multi sensory.

Fuq proposta tas-Sindku approvata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsill qabel li għandu jkompli b' dan il-proġett.

Is-Sindku semma li n-naħa ta' fuq ta' Joanne Gardens hemm proġett li ser jibda min-naħa tal-Public Works fejn ser ikunu installati fanali tas-solar. Kien hemm diskussjoni u qbil li dik il-parti tkun aktar ideddikata għall-annimali fejn anki jiġi nstallat logħob apposta u jsir fence daqsxejn għoli.

Kien hemm ukoll diskussjoni sabiex issir librerija fuq barra. Is-Sindku semma l-idea ta' gallarija ta' Malta li tkun konvertita f'librerija.

**2.5.9 Triq it-Tempji Neolitiċi**

Is-Sindku semma li l-proġett ta' quddiem it-Tempji kien beda u li kien qed isir minn Heritage Malta. Is-Sindku semma li hemm problema sabiex titkompla t-triq ta' quddiem it-Tempji. Dan minħabba li kemm il-Water Services Cooperation kif ukoll Infrastruttura Malta qed jaraw jistgħux jaħdmu b'kuntrattur wieħed minħabba li hemm ir-riskju li jekk iqaxru l-wiċċ ta' triq itajru xi mejnijiet tal-ilma u jekk iħafru l-probabbilita' hija li jsibu xi fdalijiet storiċi.

Is-Sindku propona li għandha tintbagħat ittra liż-żewġ Ministri kkonċernati sabiex forsi tinstab triq 'il quddiem u l-proġett ikun jista' jinbeda.

**2.5.10 Arkata ġewwa Trjqet Karl Chircop**

Is-Sindku qara komunikazzjoni mibgħutha lill-Kunsill mingħand residenti li ma tax dettalji u numru tal-kuntatt tiegħu. Semma li dan ir-resident ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex isir r-restawr tal-arkata fi Trejqet Karl Chircop. Semma wkoll l-istorja wara din il-ħnejja.

**TARXIEN**
Local Council

Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Nicole Farrugia, il-Kunsill qabel li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet fuq ir-restawr.

**2.5.11 Restawr Madonna tar-Rużarju Triq Xintil**

Is-Sindku propona li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet sabiex isir ir-restawr tal-istatwa imsemmija. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsill qabel li għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet.

**2.5.12 Vann tal-Kunsill għar-residenti**

Is-Sindku semma li l-vann tal-kunsill bħal issa qed jopera b'shuttle service idur kull siegħa mal-lokal. Semma li qed ikun hemm ħafna rikjesti ta' residenti li jċemplu sabiex jinġabru minn wara l-bieb tad-dar. Għaldaqstant, is-Sindku propona li l-vann ma jibqax jagħmel ir-rotta imma jmur għar-residenti skond ir-rikjesta tagħhom.
Wara diskussjoni li saret kien deċiż li s-sindku jitkellem max-xufier sabiex jaraw id-domanda x'inhi kif ukoll tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

**2.5.13 Attivita' ġewwa Ġnien Veliko Turnovo**

Is-Sindku semma li ser tkun qed issir attivita' mill-Għaqda tan-Nar ġewwa Ġnien Ovindoli. Semma li t-tindif ta' wara l-attivita' huwa kollu f'idejn l-Għaqda.

**2.5.14 Notice Boards**

Is-Sindku semma li fil-leġislatura preċidenti kienu ġew approvati li jsiru tliet notice boards u li dawn kienu lesti imma għadhom mhux installati.
Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Nicole Farrugia u approvata mill-Kunsill kien hemm qbil li dawn għamdhom jiġu nstallati:

- Triq San Tumas
- Ġnien Mark Farrugia
- Ġnien Joanne

**2.5.15 Latrina**

Is-Sindku semma li kienet ħarġet sejħa għall-offerti sabiex jibda isir it-tindif tal-latrina darbtejn kuljum.

**2.5.16 Sports Week**

Is-Sindku semma li l-Kunsill kien irieva komunikazzjoni minn Sports Malta sabiex il-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva. Il-Kunsillier responsabbli mill-isports flimkien mal-Kunsillier responsabbli mit-tfal u żgħażagħ ser ikunu qed jaraw il-possibbilita' li ssir attivita'.

**2.5.17 Restawr fuq il-Faċċata taċ-Ċimiterju tal-Erwieħ**

Is-Sindku semma li l-Kunsill kien iffirma l-ftehim ma' Restoration Unit u kif ukoll issemma li jrid isir ftehim mal-knisja sabiex issir il-manutenzzjoni min-naħa tagħhom.

**2.5.18 Festa Ħelu**

Is-Sindku semma li kien ġie ffirmat il-ftehim mad-Direttorat sabiex jingħataw fondi għall-festa ħelu. Irrimarka wkoll li din is-sena din l-attivita' trid tkun waħda multi kulturali bi stall u tradizzjonijiet minn ħelu minn pajjiżi differenti.

**2.5.19 Dekorazzjonijiet tal-Milied**

Is-Sindku propona li din is-sena ssir siġra tal-Milied quddiem il-Kunsill li fuqha jkun hemm xi tip ta' projection b'temi marbuta mal-lokal. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u ser ikunu qed jinġabru l-kwotazzjonijiet.

**2.6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

2.6.1 Il-Kunsilliera Nicole Farrugia proponiet li kull tliet xhur għandha tinħareġ rivista bix-xogħol tal-Kunsill. Semmiet ukoll li fuq il-qoxra għandu jkun hemm ritratt meħud mill-istorja tar-Raħal. Is-Sindku semma li dan jista' jitqassam b'xejn mill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali.

2.6.2 Il-Kunsillier is-Sur Dasier Damato semma li beda jaħdem mal-Foundation for Social Wellbeing sabiex jibdew il-preparamenti biex il-Kunsill Lokali jifforma l-Kunsill ta' tfal. Semma li ser ikollu laqgħa nhar il-5 t' Awwissu ma' rappreżentanti mill-proġett RIGHTS. Semma li ser toħroġ ukoll sejħa għall-mentors mill-lokalita'. Is-Sur Damato semma li qed jiġbor il-kwotazzjonijiet għall-lezzjonijiet taz-Zumba. Semma wkoll li ser jibda jaħdem fuq l-End of Summer Party għat-tfal. Is-Sur Damato spjega wkoll li jkun interessanti li wieħed jesplora l-possibbilita' sabiex isiru lezzjonijiet tar-rota lit-tfal.

2.6.3 Il-Viċi Sindku, is-Sa. Darlene Vella semmiet li minn Awwissu ser tibda tiltaqa' mal-Għaqdiet. Semmiet li qed jinġabru kwotazzjonijiet sabiex fix-xahar ta' Settembru jsir taħriġ għall-komunita'. Semmiet ukoll li f'Ottubru ser ikomplu s-sessjonijiet ta' taħriġ tal-First Aid. Is-Sa. Vella semmiet ukoll li ser taħdem mal-FITA sabiex jibdew sessjonijiet ta' taħriġ fil-lokalita' fuq l-ICT u t-teknoloġija.

**2.7 Aġġornament**

2.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn 12 t' Awwissu 2024 fil-17:30 fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Dok A

# Grawnd Mark Farrugia

Triq Annetto Caruana, Tarxien




## Linji Gwida

Kunsill Lokali Ħal Tarxien

## Introduzzjoni

L-iskop prinċipali ta' dan id-dokument huwa li jservi bħala linji gwida għall-użu tal-Grawnd Mark Farrugia li jinsab fi Triq Annetto Caruana, Ħal Tarxien. Il-punti kollha elenkati f'dan id-dokument flimkien mal-Appendiċi li jidhru fuq wara tal-istess dokument ġew maqbula u approvati mill-membri tal-Kunsill fil-kariga fid-data li tidher fl-aħħar paġna tad-dokument.

## Għanijiet

L-għan ta' dan l-ispazju huwa li flimkien ma Ġnien Veliko Turnovo (spazju li jinsab biswit dan l-istess grawnd) jservi bħala post ta' rikreazzjoni għall-komunita Tarxiniża u l-madwar.

## Objettiv

L-objettiv ta' dan l-ispazju huwa li nżommu liż-żgħażagħ tagħna 'l bogħod mill-vizzji ħżiena filwaqt li nippromwovu l-attivita fiżika.

## Linji Gwida

F'dawn il-linji gwida, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx titlob mod ieħor:

'Għaqdiet' tfisser l-għaqdiet u l-organizazzjonijiet kollha ta' Ħal Tarxien;

'Grawnd' tfisser l-ispażju li jġib l-isem Grawnd Mark Farrugia u li jinsab fi Triq Annetto Caruana, Tarxien, eżattament kantuniera ma Triq Ġananton Tanti;

'Kunsill' tfisser il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien li jinsab f' 73, Triq Santa Marija, Tarxien;

'Kunsilliera' tfisser il-memebri eletti b'mod demokratiku fl-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali u li jiffurmaw il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien;

'Maġġoranza' tfisser 50% + 1 tal-voti minn dawk eleġibbli li jivvutaw;

'Manutenzjoni' tfisser kull tip tiswija ta' ħsara li hija relatata maż-żona tal-grawnd;

'Operat' tfisser il-mod li bih ser ikun qiegħed jitmexxa u jinfetaħ il-grawnd;

'Operatur' ifisser il-persuna responsabbli operat tal-grawnd;

'Pubbliku' tfisser ir-residenti kollha ta' Ħal Tarxien.

Hekk kif maqbul waqt seduta tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien nhar l-Erbgħa 17 t'April 2024, l-isem ta' dan l-ispazju għandu jissejjaħħ 'Grawnd Mark Farrugia'.

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien huwa l-unika korp regolatorju ta' dan l-isapzju. Kull proposta relatata ma' dan l-ispazju għanda kollha l-maġġoranza tal-membri tal-Kunsill fil-kariga. Proposta li ma jkolliex il-maġġoranza tal-membri tal-Kunsill fil-kariga għanda titiqies bħala nulla.

Fuq mozzjoni mressqa waqt seduta tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien nhar l-Erbgħa 17 t'April 2024, u hekk kif maqbul mill-Kunsillieri fil-kariga waqt l-istess seduta, ġie deciż li:

Permezz ta' qbil ma' Tarxien Rainbows F.C. (ara Appendiċi B), l-akkademja tal-istess klabb tista' tgħamel użu minn dan il-grawnd f'ħinijiet stipulati u maqbula bejn iż-żewġ partijiet;

- L-Għaqdiet kollha tal-lokal ta' Ħal Tarxien jistħu jibbenefikaw mill-użu ta' dan il-grawnd skond il-kriterji mposti f'Appendiċi Ċ;

- Il-grawnd għandu jkun miftuħ f'ħinijiet partikolari matul il-gimgħa mingħajr ħlas sabiex jitgawda mill-pubbliku (ara Appendiċi A).

Il-grawnd għandu jkun disponibbli għall-pubbliku kontra ħlas ta' kirja fil-ħinijiet hekk kif stipulat f'Appendiċi A ta' dan id-dokument.

- Il-Kunsill Lokali għandu l-obbligu li jew:

  Jieħu ħsieb l-operat u l-manutenzjoni kollhu relatat ma' dan il-grawnd hu;

- Iqabbad operatur sabiex tieħu ħsieb l-operat u l-manutenzjoni kollu relatat mal-grawnd skond Appendiċi D.

# Appendiċi A

## Kirja tal-Grawnd

Il-Kirja tal-grawnd għanda tkun għall-press ta' €35 fis-siegħa. F'eventwalita li tintalab rikjesta għal-kirja ta' iktar minn tlett (3) siegħat, il-Kunsill għandu d-dritt li jemenda l-prezz tal-kirja kif xieraq.

## Ħinijiet disponibbli għall-kiri

Il-ħinijiet disponibbli għall-kiri tal-grawnd għandom ikunu hekk kif ġej:

It-Tnejn
It-Tlieta
L-Erbgħa
Il-Ħamis
Il-Ġimgħa
Is-Sibt
Il-Ħadd

Il-ħinijiet li l-grawnd għandu jkun disponibbli għall-pubbliku għandom ikunu hekk kif ġej:

It-Tnejn
It-Tlieta
L-Erbgħa
Il-Ħamis
Il-Ġimgħa
Is-Sibt
Il-Ħadd

L-operatur tal-grawnd għandu jkun preżenti fil-ħinijiet kollha li l-grawnd ikun mikri.

## Appendiċi B

Użu minn Tarxien Rainbows F.C.

Permezz ta' ftehim dokumentat bejn il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien u Tarxien Rainbows F.C., ġie maqbul li l-akkademja tal-klabb ta' Tarxien Rainbows F.C. ser tkun qiegħda tagħmel użu mingħajr ħlas tal-grawnd f'dawn il-ħinijiet:

It-Tnejn
It-Tlieta
L-Erbgħa
Il-Ħamis
Il-Ġimgħa
Is-Sibt
Il-Ħadd

Fl-eventwalita li l-operatur tal-grawnd ma jkunx disponibbli li jassisti f'dawn il-ħinijiet, dan għandu javża lil Kunsill Lokali 24-il siegħa qabel. F'dan il-każ, il-Kunsill Lokali għandu jikkuntatja lil Tarxien rAinbows F.C. sabiex tinġabar iċ-ċavetta minn rappreżentant tal-akkademja minn ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill Lokali. Ir-rappreżentant għandu jiffirma li se jkun responsabbli għall ħsarat li jistgħu jinqalgħu. Hekk kif tispiċċa s-sessjoni, iċ-ċavetta għanda tiġi ritornata lura fl-uffiċini tal-Kunsill u r-rappreżentant għandu jiffirma li jkun irritorna ċ-ċavetta.

# Appendiċi Ċ

## Użu mill-Għaqdiet tal-Lokal

L-Għaqdiet tal-lokal (hekk kif imsemmija iktar 'il quddiem) huma eleġibbli li jikru l-grawnd darbtejn fis-sena (il-ġurnata kollha) mingħajr ħlas sabiex b'hekk dan iservi bħala attivita ta' 'fund raising' għall-istess għaqda.

L-Għaqda konċernata għanda tavża lill-Kunsill Lokali sa' mill-inqas tletin (30) ġurnata qabel l-attivita bil-ħsieb tagħha li tagħmel użu mill-grawnd u għandu jiġi preżentat dokument bil-proposta flimkien mal-formola li tinsab f'Appendiċi Ċ(1) ta' dan id-dokument. Huwa importanti li l-attivita proposta ma tkunx waħda li tista' tagħmel ħsara lill-wiċċ tal-pitch. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali għandu d-dritt li jirrifjuta kwalunkwe proposta jekk fil-fehma tiegħu jaħseb li tista tkun ta' detriment għall-wiċċ tal-pitch.

L-Għaqdiet tal-Lokal huma hekk kif ġej:

- Parroċċa Arċipretali Marija Annunzjata Tarxien
- Għaqda Mużikali Marija Annunzjata Tarxien
- Għaqda Mużikali Madonna tad-Duttrina Tarxien
- Kummissjoni Armar Marija Annunzjata Tarxien
- Għaqda Kultura u Armar Marija Annunzjata Tarxien
- Għaqda tan-Nar San Gabrijel Tarxien
- MUSEUM Tarxien
- Tarxien Pageant Group
- Tarxien Youth Centre
- ZAK Tarxien
- Tarxien Scouts Group
- Girl Guides Tarxien

Fl-eventwalita li tiġi sottomessa applikazzjoni minn Għaqda tal-lokal u li mhux imsemmija f'din il-lista, il-Kunsill Lokali għandu l-obbligu li jiddiskuti din l-applikazzjoni u f'każ li jkun hemm qbil, jiġu applikati l-istess kriterji għall-Għaqdiet imsemmija fil-lista.

## Appendiċi Ċ(1)

Applikazzjoni għall-Għaqdiet għall-użu ta' Grawnd Mark Farrugia

Data tal-Applikazzjoni: ____________________

Isem tal-Ghaqda (1): ____________________

Data tal-Attivita: ____________________

Ħin tal-Attivita: ____________________

Isem tal-Attivita: ____________________

Deskrizzjoni tal-Attivita:

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

Persuna Repsonsabbli: ____________________

Irwol fil-kumitat (2): ____________________

Numru ta' kuntatt: ____________________

Indirizz elettroniku: ____________________

Jiena hawn taħt iffirmat qiegħed nafferma li l-informazzjoni kollha provduta hija korretta u li qiegħed nirrapreżenta lill-Għaqda (1) fl-irwol rispettiv tiegħi (2). L-attivita proposta hija waħda adekwata għall-wiċċ tal-pitch u mhux se tkun ta' detriment għall-istess wiċċ. F'każ li jkun hemm ħsarat waqt il-ħinijiet tal-attivita, qiegħed niddikjara li l-Għaqda (1) hija responsabbli għall-ħsarat kollha.

____________________ ____________________

____________________ ____________________

Raprezentant tal-Għaqda Kunsill Lokali Ħal Tarxien

# Appendiċi D

## L-Operatur

L-operatur tal-grawnd għandu jkun persuna/kumpanija affidablibli u bir-rekwiziti kollha skond il-liġi ta' Malta. L-operatur huwa l-persuna responsabbli mill-grawnd u dan għandu jirraporta direttament lill-Kunsill Lokali. L-operatur irid ikun preżenti fil-ħinijiet kollha tal-ftuħ, inkluż fil-ħinijiet li:

- jkun miftuħ għall-pubbliku
- jkun qieħhed jintuża minn Tarxien Rainbows F.C.
- jkun qiegħed jintuża għal attivita ta xi Għaqda tal-lokal.

F'każ li l-operatur ma jkunx jista' jkun preżenti, għandu jinforma lill-Kunsill Lokali sa mill-anqas 24 siegħa qabel il-ħin tal-ftuħ.

Fir-rigward ta' ħlas u kundizzjonijiet oħra lill-operatur, dawn għandom jiġu imnizzla fil-kuntratt bejn l-operatur u l-Kunsill Lokali.